KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 41

L-EWWEL LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 41

Il-Ħamis 13 ta’ Frar, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa’ ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta’
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta’ Xbiex
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

41.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand il-Viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, mis-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu din il-laqgħa.

41.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

## 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

41.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 40 li nżammet nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

41.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti.

## 41.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Pagament Dovut lil Wasteserv Malta***

41.3.1 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li hu kien attenda għaliha nhar il-Ħamis 6 ta' Frar 2025. Hu spjega kif din il-laqgha kienet ġiet imsejħa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn għaliha kien hemm preżenti d-Direttur Ġenerali, id-Direttur Chris Galea, l-Assistant Direttur, Kurt Scerri, il-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali, l-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll is-Sur Bilocca mill-WasteServ Malta.

41.3.2 ***17:05pm – Il-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, wasal għal din il-laqgħa.***

41.3.3 Is-Sur Chircop spjega kif ġie diskuss b'liema mod WasteServ waslu għall-ammonti ta' dal l-iskart meqjus bħala 'reject'. Hu spjega kif din kienet issue li kienet qed tiġi kkontesta kemm minn dan ir-Reġjun kif ukoll mir-Reġjuni l-oħra.

41.3.4 Is-Sur Chircop qal ukoll li mis-Sur Bilocca kien hemm insistenza li l-pagamenti li kienu overdue, dawn jiġu ndirizzati mill-aktar fis possibli. Fil-każ ta' dan ir-Reġjun, is-Sur Chircop qal kif dan ir-Reġjun għandu ammont sostanzjali li jrid iħallas. Dan għaliex mis-sena 2023 kien qed ikun hemm proċedura ta' *set off* bejn ir-Reġjun u WasteServ. Fil-bidu tas-sena 2023, l-ammont dovut lir-Reġjun kien iktar minn dak dovut lill-Wasteserv. Madanakollu l-istampa bdiet timbidel meta l-ispiża tat-tipping fees għoliet minn Jannar 2024. B'hekk ir-Reġjun irid iħallas l-ammont ta' €545,580.73.

41.3.5 ***17:08pm - Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

41.3.6 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif wara din il-laqgħa, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv talbu direzzjoni mingħand l-accountant tar-Reġjun fejn din ikkonfermat li dan il-bilanċ kien imdaħħal fil-*financial statements* tas-sena 2024 kif ukoll ħadet ħsieb li jkun hemm ukoll *accrual* fuq l-ammont ta' Diċembru 2024, liema fattura inħarġet fit-23 ta' Jannar 2025.

41.3.7 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, qal li r-Reġjun għandu jitlob *statement* lil WasteServ Malta sabiex wieħed jifhem aħjar il-pożizzjoni finanzjarja.

41.3.8 Is-Sur Chircop spjega li *statement* tal-kont kien intalab u mill-verifikazzjoni li saret internament, jidher li hemm qbil fl-ammont li huwa dovut mir-Reġjun lil WasteServ u għal din ir-raġuni, r-Reġjun huwa f'pożizzjoni li jħallas dan il-bilanċ.

41.3.9 Is-Sur Dalli reġa talab l-ammont dovut lill-WasteServ.

41.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet spjegat kif il-bilanċ dovut kien dak ta' €545,580.73.

41.3.11 Is-Sur Dalli talab sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kopja ta' l-*istatement* biex idealment din l-istorja ma terġax tiġi repetuta.

41.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja tal-korrispondenza mal-WasteServ flimkien mal-istatement mitlub dak il-ħin stess.

41.3.13 Is-Sur Dalli għamel referenza wkoll għar-rapport ta' l-NAO, b'mod speċjali fejn kien imsemmi r-Reġjun Lvant.

41.3.14 Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-rapport kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun li għaliha s-Sur Dalli ma kienx preżenti. Hu spjega l-affarijiet kif kienu ġraw u kif ir-Reġjun kien immedjatament iġġustifika dak li kien ġara u prova kemm seta biex ir-rapport jirrifletti li r-Reġjun kien għamel is-*set off* mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

41.3.15 Is-Sur Dalli qal li ma hemmx *watch* sewwa fuq l-accounts.

41.3.16 Is-Sur Chircop reġa spjega x'kien ġara u kif hu kien insista mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jaċċertaw li dan il-punt ikun imressaq għall-attenzjoni tal-awdituri qabel ma r-riżultat jgħaddi għand l-NAO. IS-Sur Chircop talab ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv jiċċirkula l-komunikazzjoni li kien sar dwar dan mir-Reġjun lid-Direttur Ġenerali għas-sodisfazzjon tal-membri kollha.

41.3.17 Is-Sur Dalli qal kif id-Diviżjoni dejjem tibgħat għas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill li jkun mar minn taħt biex ikun hemm opportunità li wieħed jispjega ruħu aħjar.

41.3.18 Is-Sur Chircop kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li l-istess proċedura kienet ġrat mar-Reġjun fejn id-Direttur, is-Sa Clare Bugeja, kienet bagħtet għal laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv u ma' l-accountant tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv kienet spjegat b'mod ċar x'kien ġara u talbet li din l-informazzjoni tasal għand l-awdituri. Sfortunament l-ittra uffiċċjali dwar dan mid-Diviżjoni kienet intbagħtet wara li r-rapport ta' l-NAO kien ġie ippublikat.

41.3.19 Is-Sur Dalli qal kif l-accounts tar-Reġjun qed juri li għandu *loan* u talli qedin b'miljun u kwart minn taħt, ir-Reġjun ħallas minn dawk il-fondi li kellu r-Reġjun ta' qabel, meta ma kienx hemm biex anke jitħalsu l-pagi tal-ħaddiema. Hu spjega kif dan dawn il-miljun intilfu u dawn għandhom jiġu rkuprati lura għax dawn huma ammonti dovuti lir-Reġjun preċedenti. Hu żied jgħid kif dawn il-miljun inħarġu wkoll biex jitħallsu

l-ispejjeż relatati mal-ġbir ta’ l-iskart u insista mal-President u mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn l-affarijiet jiġu ivverifikati.

41.3.20 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-pagi dejjem kienu prijorita fl-accounts tar-Reġjun u bħala Reġjun dejjem rajna li jkun hemm riserva għall-pagi dovuti. Hi qalet ukoll kif jekk kien hemm xi pagi li kellhom jittieħdu minn riserva kienu biss dawk ta’ l-impjegati fit-Tribunal Lokali peress li r-Reġjun ma kienx qed ikollu dħul ieħor qabel ma kienet saret ir-riforma fl-2019 tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni. Liema pagamenti kienu ġew rimborżati lura lir-Reġjun wara li kien sar awditjaw ieħor imqabbad mill-Aġenzija LESA sabiex l-ammonti mitluba jkunu verifikati u ġġustifikati.

41.3.21 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-pagi ma ttieħdu mill-ebda riserva u l-unika pagi li jittieħdu mill-allokazzjoni u jerġgħu jitħallsu lura mill-LESA huma l-pagi tal-impjegati fit-Tribunal Lokali. Żiedet tgħid ukoll li l-unika pagamenti li tħalsu wkoll mir-Reġjun matul dawn l-aħħar sentejn u li issa qed jerġgħu jidħlu lura fil-kont bankarju huma l-pagamenti tal-PROs. Dan għaliex l-kuntratt bejn ir-Reġjun u l-PROs kien ġie konkluż u ffirmat lejn tmiem is-sena 2024. Hi qalet ukoll kif dawn il-pagamenti issa qedin aġġornament u qed jiġu rimburżati lura lir-Reġjun skond l-iskeda maqbula fil-kuntratt.

41.3.22 Is-Sur Dalli baqa jinsisti li dawn il-pagamenti maħruġa mir-riserva għandhom jingħaddu lura lir-Reġjun.

41.3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet spjegat is-sekwenza ta’ kif kienu żviluppaw l-affarijiet fejn fl-2015 kienet ġiet imwaqfa l-Aġenzija LESA u minn hem mir-Reġjun ma baqax ikollu d-dħul li kien ikollu qabel. Wara perjodu sħieħ inżammet ir-riforma fl-2019 u r-Reġjun beda jingħata allokazzjoni finanzjarja. Bdew isiru wkoll l-awditjar mil-LESA sabiex l-ispejjeż relatati mat-Tribunal jerġgħu jiġu lura għand ir-Reġjun. Hi qalet ukoll kif ftit tal-ġimgħat ilu kienet anke f’komunikazzjoni mas-Sur Svetlick Flores peress li l-ammonti tar-rimborż dovuta lir-Reġjun għas-sena 2023 ma kienux bi qbil u kif dawn ġew reveduti mill-awdituri u ser ikunu aġġustati peress li kien hemm raġuni valida. Għal din ir-raġuni hi għamlitha ċara li bħala finanzi dejjem insistiet li jkun hemm il-ħlas u li l-ħlas ikun korrett.

41.3.24 Is-Sur Dalli baqa jinsisti li l-problema finanzjarja bdiet mill-2022 u kif għandha tinżamm laqgħa mal-Accountant tar-Reġjun sabiex dawn il-punti mqajma jiġu diskussa.

41.3.25 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega wkoll kif mill-2023 ir-Reġjun beda bit-tender tal-ġbir ta’ l-iskart u kif dan il-kuntratt ġab diversi tibdil u kif dan ir-Reġjun dejjem mexa skond id-direzzjoni mgħotija diretta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

41.3.26 Is-Sur Dalli baqa jinsisti li għandha ssir laqgħa ma’ l-accountant.

41.3.27 Is-Sur Chircop reġa spjega pass pass dak li kien ġara sabiex in-nota fir-rapport ta’ NAO ma tkunx inkluża u jiġri dak li, sfortunatament, ġara xorta waħda.

41.3.28 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-pagamenti relatati mal-ġbir ta’ l-iskart huwa kollox ġdid fl-accounts tar-Reġjun u kif id-deċiżjonijiet qed jinbidlu minn xahar għall-ieħor.

41.3.29 Is-Sur Dalli reġa talab kopja ta’ l-istatements.

41.3.30 Is-Sur Chircop fakkar li kien hemm laqgħa skedata għal nhar it-Tlieta 18 ta’ Frar 2025 bejn il-membri tal-finanzi kompost mill-President, mis-Sur Anthony Dalli, mis-Sur Max Zammit, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn jiġu diskussa.

41.3.31 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ir-Reġjun kienx ħareġ stqarrija dwar dak li kien intqal fir-rapport ta’ l-NAO.

41.3.32 Dott Kaylon Zammit fakkar li dan kollu kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti u kif kien hemm qbil f'din il-laqgħa li r-Reġjun ma kienx ser jgħamel l-ebda stqarrija biex l-problema ma tikbirx għalxejn.

41.3.33 Il-President irrimarka li meta persuna tiġi tqajjem dawn id-dubji, huwa importanti ferm li meta jkun imiss li jiġu ppreżentati r-rapporti finanzjarja, naraw li kulħadd ikun preżenti u fakkar li dak ikun il-ħin opportun li wieħed ikun jistà jressaq id-domandi fil-preżenza anke ta' l-accountant.

- *Komunikazzjoni mingħand l-ERA*

41.3.34 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva dwar il-kwota tal-ġbir ta' l-iskart riċiklat li jridu jilħqu r-Reġjuni. Hu żied jgħid kif bħala Reġjun għad ma kienx hemm risposta lura peress li din qed tiġi indirizzata mill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għan-nom tar-Reġjuni kollha fejn ma hemmx qbil dwar dan.

41.3.35 Is-Sur Chircop għamel referenza għal laqgħa li kienet inżammet mill-persuni ikkonċernati qabel kien ġie ippublikat is-sejħa ta' l-iskart fuq livell Reġjonli fejn kien hemm insistenza li peress ir-Reġjun mgħandu l-ebda kontroll fuq l-iskart li qed jinġabar, il-Gvern ghandu jissupportja bil-ħlas li jkun hemm dovut. Għal din ir-raġuni, aġġornament dwar dan jingħata aktar 'il quddiem.

41.3.36 Is-Sur Dalli staqsa jekk bħala Reġjun għandux bilanċi kemm huma dovuti mill-PROs.

41.3.37 Il-President ikkonferma li l-ħlasijiet mill-PROs kienu għadhom kif beda qabel tmiem is-sena 2024 u huma marbutin bi żmien ta' meta dawn iridu jiġu mħalsa lura lir-Reġjun.

41.3.38 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid ukoll li dawn il-pagamenti qed jaslu skond l-iskeda miftema. Spjegat ukoll kif il-ħlasijiet marbuta mal-PROs ma kienux mitluba mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun imma kienu qed jinħarġu mill-fondi tar-Reġjun. Kif ġie iffirmat il-kuntratt bejn il-PROs u r-Reġjuni, ir-Reġjuni bdew jirċievu l-pagamenti dovuta.

41.3.39 Is-Sur Dalli baqa jinsisti li dawn il-flus ittieħdu mir-riserva.

41.3.40 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li hekk kien ġara, pero spjegat ukoll li ma kienx hemm għażla differenti u dejjem imxiet skond id-direzzjoni mgħotija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

41.3.41 Is-Sur Dalli baqa jinsisti li r-Reġjun kelli jmiss ir-riserva biex jgħamel tajjeb għal pagamenti li kienu qed jitħalsu lill-kuntrattur f'isem il-PROs.

41.3.42 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ma kienx hemm għażla jew direzzjoni differenti ġaladarba l-kuntratt mal-PROs dam sena biex ġie konkluż.

41.3.43 Il-President waqqaf id-diskussjoni u nforma lill-membri kollha preżenti li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kinitx fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa u minn kellu xi dubju jew domandi xi jressaq seta jattendi għall-laqgħa preċedenti fejn kienu ġew imressqa r-rapporti ta' għeluq is-sena finanzjarja 2024. Hu qal kif il-punti li ressaq hu f'din il-laqgħa kienu qed jitressqu biss biex, bħalma dejjem sar, il-membri dejjem ikunu aġġornati sa' l-iċken dettal fuq dak li jkun għaddej minn laqgħa għal oħra. Għalhekk dawn it-tip ta' domandi għandhom jitressqu meta dawn ikunu mniżlin fuq l-aġenda u bil-preżenza ta' l-accountant tar-Reġjun.

41.3.44 Is-Sur Chircop qal kif hu ma kienx ha jkompli għaddej fuq dan is-suġġett la ma kienx hemm in-nies kompetanti preżenti u lanqas ma kien hemm id-dokumentazzjoni provduta.

41.3.45 Is-Sur Dalli qal kif malli kien irċieva l-komunikazzjoni mingħand is-Segretarju Eżekuttiv bl-Aġenda, Minuti, Skeda ta' Ħlasijiet, u Rapporti Finanzjarja, hu kien talab kopja ta' rapporti oħra u ikkonferma li dawn kienu provduti mill-ewwel.

## 41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

41.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 41.5 Rapporti

41.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 41.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

41.6.1 B'referenza għal dawn iż-żewġ pożiżżjonijiet, il-President informa kif fil-ġranet li ġejjin ser jinħarġu sejħiet estern peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni sottomessa sad-data ta' l-għeluq.

41.6.2 Tqajmet diskussjoni bejn il-membri preżenti fuq il-vakanza ta' EU/Local Funds Manager.

41.6.3 Il-President talab lill-membri preżenti sabiex ikomplu fuq l-aġenda b'numru 41.8 peress li r-rappreżentanti mill-Malta Cooperative Federation kienu għadhom ma waslux għal din il-laqgħa.

## 41.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Aġġornament fuq ir-Regional Football Tournament*

41.8.1 B'referenza għal dan it-*tournament,* is-Sur Chircop spjega kif fil-ġranet li għaddew kienu nżammu laqgħat minn James Hamberger u James Fenech ma kull Kunsill Lokali– kulhadd huwa nfurmat u kulħadd huwa on board. Il-ġimgħa li ġejja ser ikunu qed isiru laqgħat man-nurseries.

- *Kwotazzjonijiet*

41.8.2 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet, kopja tagħhom kienu diġa ġew iċċirkulati lill-membri qabel din il-laqgħa.

- Proġett Starter Pack – Kwotazzjonijiet – total ta' €11,958.62
- Medalji ta' Parteċipazzjoni għal-Football Regional Tournament – Horace Ltd - €743.40
- Servizz ta' Fotografu għal Football Regional Tournament – Roberto Runza - €325.00

41.8.3 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet mressqa.

- *Air Conditioner*

41.8.4 Il-President infoma kif wieħed mill-*air conditioners* li jinsab fl-ewwel sular fl-uffiċċju amministrattiv (fis-sezzjoni tat-Tribunal) ma kienx qed jaħdem. It-techinician infurmana li l-ispiża biex dan jinbidel huwa ta' €218.30 u kif ma kienx hemm garanzija li dan ser jaħdem kif suppost. Għal din ir-raġuni, l-uffiċċju amministrattiv ser tkun qed titlob kwotazzjonijiet sabiex jinxtara wieħed ġdid.

- *Avveniment Għal Jum Dinji tal-Ktieb*

41.8.5 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta sabiex din is-sena jinżamm avveniment b'risq Jum Dinji tal-Ktieb.

41.7.6 B'referenza għal dan li oriġinarjament isir fit-23 ta' April, il-Kunsill Reġjonali Lvant se jorganizza Bejgħ tal-Kotba fit-12 ta' April fil-Mużew tal-Istazzjon tal-Ferrovija l-Antika f'Birkirkara bejn l-10am u s-6pm. Ir-Reġjun qed ifittex li jikkuntattja ħwienet tal-karità lokali biex jipprovdilhom l-opportunità li jwaqqfu stand b'xejn u jbigħu l-kotba użati tagħhom b'rata baxxa. Dan se jippermetti lill-organizzazzjoni tikseb fondi għall-funzjoni tagħha, filwaqt li tippromwovi ukoll il-ħanut tagħhom u tħeġġeġ ix-xiri second-hand. Matul it-8 sigħat, il-Kunsill Reġjonali Lvant se jkollu aġenda ta' attivitajiet li se jkunu qed isiru bħal: Story Telling, Improvisation Class, Book Exchange, Bookmark Workshop eċċ. Jekk ikun ta' sfida li nikkollaboraw ma' ħwienet tal-karità, nagħmlu talba għal donazzjonijiet, u d-dħul kollu jmur għal karità.

41.7.7 Il-membri preżenti approvaw li dan l-avveniment jinżamm.

- *Skema Finanzjarja 1/2024 – Xiri/Kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2024*

40.7.8 B'referenza għal din l-iskema, il-President fakkar kif id-data ta' l-għeluq sabiex jiġu sottomessi d-dokumenti meħtieġa għar-rimborż ta' din l-iskema kienet nhar il-Ġimgħa 14 ta' Frar 2025.

- *Workshop tas-Semonlina għal żmien l-Għid*

41.7.9 Peress li dan kien ta' suċċess is-sena li għaddiet, ir-Reġjun qed iressaq it-talba sabiex dan il-workshop jerġa jinżamm flimkien mal-Familja Muscat. L-ispiża ta' mhux aktar €400. (Is-sena lohra kienet ta' €350).

41.7.10 Il-membri preżenti approvaw li dan il-*workshop* jerġa jinżamm.

- *Direttorju fuq l-Avvenimenti ta' l-Għid fir-Reġjun*

41.7.11 Marbut fuq l-istess suġġett, Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ser ikun qed jibgħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali sabiex jiġbor l-informazzjoni dwar wirjiet u attivitajiet relatati ma' l-Għid sabiex dan ikun kollu f'direttorju wieħed u jkun jistà jiġi iċċirkulat fuq il-mezzi soċjali.

41.7.12 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Proposta – Ħamis ix-Xirka*

41.7.13 Il-President ressaq proposta sabiex ir-Reġjun jorganizza tour tas-sebgħa visti fir-Reġjun ġo uħud mill-knejjes kif ukoll xi avvenimenti li jkunu relatati.

41.7.14 Is-Sur Anthony Dalli qal li din l-avveniment jorganizza hu fuq livell lokali għar-residenti tiegħu u ma jħossx li din it-tip ta' avveniment għandha tiġi mtella fuq livell Reġjonali.

## 41.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

41.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

41.9.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetucti, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 38A u 38B.

41.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 41.10 Mozzjonijiet

41.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa u talab lill-membri sabiex jimxu għal *item number 41.7* li kien hemm fuq l-aġenda.

41.10.2 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 41.7 Preżentazzjoni mill-*Malta Cooperative Federation*

41.7.1 Il-President stienden lis-Sur John Mallia u lis-Sur Claudio Farrugia sabiex jgħatu spjegazzjoni dettaljata dwar il-kooperattiva li qed jipproponu li ssir permezz ta' dan ir-Reġjun.

41.7.2 Is-Sur Mallia ta spjegazzjoni dettaljata dwar ix-xogħol li jsir minn din il-federazzjoni kif ukoll dwar l-idea ta' tip ta' koperattiva li tistà tiġi żviluppata b'għajn li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jgħamlu użu mis-servizz li jiġi provdut.

41.7.3 Wara li uħud mill-membri preżenti ressqu d-domandi tagħhom kien hemm uħud mill-membri li anke espremew l-interess tagħhom li jingħaqdu Kunsilli Lokali flimkien u jorganizzaw laqgħa informattiva għall-kumplament tal-Kunsilliera rispettivi.

41.7.4 Is-Sur Chircop irringrazzja lis-Sur Mallia u lis-Sur Farrugia talli kienu preżenti għal din il-laqgħa u ressqu dan il-kunċett ta' kooperazzjoni u talab lill-membri jkomplu bl-aħħat *item* li kien hemm fuq l-aġenda.

## 41.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

41.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:02 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 24 ta' Marzu, 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |